# 95. Bgħid Minnek

Meta jagħmel ħmistax moħbi fis-sema
in-namrat tagħha, – l-Qamar kollu dija,
il-Għajn fid-dlam tal-lejl toqgħod tinħema
fid-diq u l-ħemda kollha waħdenija.

Waħdek fid-dlam tal-lejl! xi kruh ta' siegħa!
Għalhekk meta minn sħaba jfiġġ sabiħ,
u, bħal maħbub fil-qalb, jinżel ġo fiha,
u jiddi bħal fanal mixgħul fil-qiegħ,

Tixgħel il-qalb tal-Għajn bil-ferħ imfawra,
jixgħel ir-raxx u jixgħel it-taqtir,
jixgħel il-ġilju, u jiddi l-blat madwarha,
iżafżfu ż-żrinġijiet qalb il-papir.

Ħanina qisni l-Għajn waħdi bla serħ!
Meta se jgħib id-dlam u jfiġġ il-ferħ?